**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-12 ta' Frar 2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jeffrey Scicluna u Spettur Mario Xiberras)**

**kontra**

**MATTHEW HAIDON**
**(ID No:** 0591377 **(M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Matthew Haidon** ta' 44 sena bin Vincent u Maria Fatima Haidon nee' Micallef mwieled San Giljan nhar il- 07 ta' Ottubru 1977 u residenti numru 64 Sagit Aquar, Triq ir- Rinella, Kalkara detentur tal- karta tal- identita bi numru 0591377 M akkuzat talli nhar id-19 ta' Jannar 2022 bejn it- 03:30hrs u 04:15hrs irrenda ruhu komplici ma' persuna jew persuni fir-reat ta' hruq ta' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DCJ493 billi b'xi mod, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew l-awturi tar-reat, fl-atti li bihom gie ippreparat jew ikkunsmat, ghad- detriment ta' Anthony Borg u/jew ta' persuni ohra.

Il- Qorti kienet mitluba li f' każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f' artikolu 533 *et sequitor* tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ċioe' Anthony Borg mill-Isla u l-familjari tieghu jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni huwa reggha kkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u wara li nghata zmien adegwat sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qieset in-natura ferm gravi tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, il-fedina penali tal-imputat, l-ammisjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri possibli kif ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija fejn adirittura taghhom informazzjoni li tista' twassalhom ghal terzi persuni li setgha kienu nvoluti f'dan id-delitt.

**Decide:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 42 u 318 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal sentejn prigunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien erba' snin millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali, ghas-sigurta ta' Anthony Borg u Vincenza Borg kif ukoll ghal bon ordni, qeghda torbot lill-hati ghall-perjodu ta' tnax-il xahar b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' Eur. 2,000.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.
MAGISTRAT

Christine Farrugia
Deputat Registratur